# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 7 ta' Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Stephen Catania**
**Bernard Briffa**

**Kumpilazzjoni Nru: 128/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmiija:

**Stephen Catania** detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 180869(M);

u

**Bernard Briffa** detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 347984(M).

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'San Giljan fl-14 ta' Frar, 2010 ghal habta tal-04.30am:-

1. Dolozament bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe', omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Luca Di Mauro u Ricardo Miano, jew li jqieghdu l-hajja taghhom f'periklu car, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esukuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Luca Di Mauro u Ricardo Miano f'periklu car ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom jew gabulhom dizordni f'mohhhom, liema offizi gravi kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, volontarjament kissru l-bon ordni jew il-paci pubblika, b'ghajjat u bil-glied;

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel hadmu jew kienu mpjegati bhala gwardjani privati minghajr licenzja ta' l-awtorita' konpetenti.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:
1. 41(1)(a), 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 214 u 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
4. 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar l-14 ta' Frar 2010 f'San Giljan ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' fil-ghodu f'liema incident Luca Di Mauro u Riccardo Miano sfaw midruba wara li gew aggrediti.

Illi dan il-kaz gie rrapportat lill-pulizija ghall-habta ta' l-erbgha u nofs; l-ewwel li accedew fuq il-post kienu PS 69 Jesmond Cremona u PC1130 Bjorn Sammut flimkien ma' PC1462 Joseph Attard u PC1468 Dirk Pace.

Illi PS69 Jesmond Cremona jghid li malli waslu fuq il-post ta' l-incident sabu zewg persuni f'l-entrata ta'l-istabbiliment Hugo's[1]; jghid li fejn kienu kien daqsxejn mudlam tant li kellu juza t-torch. Ra li dawk iz-zewg persuni kienu mwegghin ghalhekk cempel ghall-assistenza medika. Wara li l-midruba ttiehdu l-isptar persuna barranija qaltlu li hija kienet rat securtities telghin jigru mill-istabbiliment Steam u li setghu kienu involuti f'l-incident[2]. Is-surgent stabilixxa ukoll li Miano u Di Mauro kienu f'l-istabbiliment Clique u li l-incident minn hemm beda. Huwa ghalhekk informa ruhhu dwar minn kienu s-securities xoghol dak in-nhar kemm ma'l-istabbilimnet Steam kif ukoll ma'l-istabbiliment Clique; huwa ra ukoll recordings minn CCTV cameras ta'l-istabbiliment Hugos. PS69 jirrakkonta ukoll li huwa lill-midruba rahom wiehed ma'l-art u l-iehor bil-qeghda, it-tnejn kellhom id-demm ma wicchom; wiehed kien stordut totalment u l-iehor kien fi stat daqsxejn ahjar.

Illi l-pulizija l-ohra (fuq imsemmijin) li marru fuq il-post mas-surgent jaghtu bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni u ghalkemm mhux kollha jaqblu dwar l-istat li kienu fih Miano u Di Mauro. Xi griehi kellhom dawn iz-zewg persuni pero jirrizulta mix-xhieda tat-tobba u konsulenti li taw id-depozizzjoni taghhom.

Illi l-filmati tac-CCTVs ingabru mill-pulizija li esebew ic-CDs relattivi u anke diversi stills mehuda minn dawn il-filmati. Ghalkemm tidher aggressjoni f'dawn il-filmati u ghalkemm jidher li wiehed mill-persuni involut (li jidher ta' certu statura) kellu radio ma' cinturin fuq in-naha ta' wara hadd mill-persuni m'hu identifikabbli.

Illi mill-informazzjoni li gabret il-pulizija dak il-hin fuq il-post jirrizulta li bouncers ma'l-istabbiliment Clique kien hemm l-imputati, Alan Saidon, u

[1] Dawn kienu Riccardo Miano u Luca Di Mauro.
[2] Ghalkemm ittiehdu l-particulars ta' din il-persuna, Nicky McDougal, hija qatt ma giet rintraccjata biex tkuun tista taghti d-depozizzjoni taghha bhala xhud.

Stephen Bonsfield; ma'l-istabbiliment Steam kien hemm Neville Agius, Michael Mangion, Mario Farrugia, Keith Galea u Raymond Teeling. Minn dawn Michael Mangion, Raymond Teeling, Mario Bonnici, Mario Farrugia u Keith Galea xehdu quddiem il-Qorti pero jghidu li ma jafu xejn dwar l-incident u kien biss meta kellmuhom il-pulizija li saru jafu li kien gara xi haga. L-ohrajn ghazlu li ma jixhdux.

Illi tressqu persuni ohra li kienu xoghol f'l-istabbiliment Clique u stabbilimenti ohra fil-vicin pero dawn jinsistu li ma jafu xejn dwar l-incident[3]. Ghandu jigi rilevat li Diego Micallef, barman f'l-istabiliment Clique qal li fil-lejl in ezami hu ma nnota l-ebda disgwid jew xi incident iehor gewwa l-istabbiliment; izied pero li mill-bar huwa ma jistax jara il-cloakroom u lanqas it-tarag ghat-triq ghaliex qeghdin wara bieb.

Illi fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti Riccardo Miano jirrakkonta li hu u Luca Di Mauro marru f'l-istabbiliment Clique ghall-habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu, u dan wara li kienu ilhom barra minn xi nofs il-lejl[4]. Ikompli jirrakkonta li fil-Clique kien hemm hafna nies; huma tkellmu u xorbu ma' xi tfaljiet u kienu qed jiehdu pjacir meta ghall-habta ta' l-erbgha nieqes kwart mar bouncer, li huwa identifika bhala l-imputat Stephen Catania, u qalilhom biex johrogu; hu u siehbu imxew 'l barra pero Catania mexa maghhom. Miano jghid li Di Mauro mar igieb il-gkieket u hu baqa hiereg u quddiem it-tarag sab bouncers ohra qed jistennew. Meta hareg Di Mauro wiehed mill-bouncers, l-imputat Catania, gie warajh (cioe wara Miano) u tah daqqa fuq ghonqu,  hu waqa ma'l-art, bdew jaghtuh bis-sieq u intilef minn sensieh. Meta rega' gie f'sensih sab lilu nnifsu l-isptar. Hu zied li qabel ma l-imputat Catania talbu biex johrog mill-Clique ma nqala' l-ebda incident f'l-istabbiliment.

Illi fid-depozizzjoni tieghu Luca Di Mauro jirrakkonta li meta l-bouncer mar jghidilhom biex johorgu huma hargu mill-ewwel pero hu mar igib il-gkieket. Huwa fil-fatt gab il-gkieket, lil Miano tah il-gakketta tieghu fil-waqt li hu (Di Mauro), liebes il-gakketa u hareg. Hekk kif kien hiereg hass kommozzjoni warajh, dar u ra lil Miano ma'l-art qed jaqla xebgha, kienu qed jaghtuh bis-sieq iz-zewg imputati. Hu stqasihom ghalfejn kienu qed jaghmlu hekk u fil-waqt li qalulu kliem dispreggjativ fil-konfront tat-Taljani l-imputat Catania tah daqqa ta' ponn f'wiccu. Hu ukoll waqa' ma'l-art u

[3] Dawn kienu Diego Micallef, Matthew Axisa, Jonathan Grima,
[4] Qabel kienu ma persuni ohrta pero kienu wahedhom meta marru f'l-istabbiliment Clique.

hemm komplew jaghtuh bis-sieq. Meta waqfu jaghtuhom qabduhom u tefawhom hdejn il-bieb ta' satbbiliment iehor: Hugo's. Wara ftit ghaddiet tfajla li cemplet ghall-ghajnuna. Anke Di Mauro jinsisti li qabel ma gew mitluba johorgu mill-istabbilient Clique ma kien inqala l-ebda incident; jghid ukoll li hu ma rax lill-bouncer jitlob lil hadd iehor johrog imma lilhom biss. Jghid ukoll li meta mar ghall-gkieket ma nqala' l-ebda disgwid mal-persuna li kien hemm mal-cloakroom.

Illi kemm Riccardo Miano kif ukoll Luca Di Mauro taw id-depozizzjoni taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Riccardo Miano jaghti prattikament l-istess verzjoni dwar l-incident pero zied li Bernard Briffa kien wiehed fost il-bouncers li kienu qed jaggreduh wara li waqa' ma'l-art bid-daqqa li tah Catania. Luca Di Mauro pero ta verzjoni xi ftit differenti fis-sens li quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa qal li huwa ra lil Miano qed jigi aggrediet minn erbgha bouncers li wiehed minnhom kien Stephen Catania; jghid ukoll li l-persuna li qalet kliem dispreggjattiv fil-konfront tat-taljani kienet il-persuna li taghtu l-ewwel daqqa ta' ponn pero huwa ma kienx jaf minn kien u lanqas kien rah meta saru l-identification parades. Hu fil-fatt gharaf zewg persuni f'l-identification parades, lill-imputati, u jghid li dawn kienu fost dak il-grupp ta' bouncers li kienu qed jaghtuh bis-sieq u li kaxkruh lejn Hugo's.

Illi mid-depozizzjoni tal-hafna tobba u konsulenti li tressqu bhala xhieda jirrizulta li Riccardo Miano kellu zewg lacerazzjonijiet fuq in-naha ta' wara ta' rasu, lacerazzjoni fuq imniehru, snin imkissrin, frattura f'l-ghadam ta' imniehru, u diversi abrazzjonijiet u bdengil. Luca Di Mauro kellu zewg lacerazzjonijiet f'wiccu, zewg lacerazzjonijiet fuq rasu, u diversi abrazzjonijiet u bdengil.

Illi provi ohra prodotti[5] jistabbilixxu li l-imputat Stephen Catania kien applika ghall-licenzja ta' security guard fit-30 ta' Dicembru 2009 pero t-talba tieghu ma gietx milqugha u ghalhekk ma nhargitlux licenzja. Jirrizulta ukoll li l-imputat Bernard Briffa kienet inhargitlu licenzja fis-6 ta' Gunju 2008, valida ghal sena; huwa qatt ma gedded din il-licenzja li ghalhekk skadiet fil-5 ta' Gunju 2009.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud ukoll lil certu Ronnie Axisa li ghandu kumpanija li tipprovdi servizzi ta' sigurta. Huwa jikkonferma li z-zewg

[5] Id-depozizzjoni ta' WPC6 Maureen Tarpey.

imputati kienu impjegati tieghu u jaghmlu xoghol ta' *customer care* dak in-nhar ta'l-incident kienu addetti ma'l-istabbiliment Clique. Axisa specifika li huwa jimpjega kemm security guards kif ukoll *customer care*. Mistoqsi x'xoghol jikkomprendi "*customer care*" huwa jghid li minn hu addett bhala *customer care* jirrispondi mal-klienti ghall-manager ta'l-istabbiliment, ikunu kemm gewwa l-istabbiliment kif ukoll barra mal-bieb biex jirrispondu kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollhom il-klienti, biex jghinu lill-management f'l-infurzar tal-Ligi dwar tipjip u dhul ta' persuni taht l-eta.

Illi ghandu jinghad li, peress li Riccardo Miano u Luca Di Mauro kienu qalu lill-pulizja li huma kienu kapaci jaghrfu xi persuni li kienu fost dawk li kienu aggredewhom saru diversi identification parades li fihom kienu nvoluti l-persuni kollha li kienu xoghol bhala securities dak in-nhar ta'l-incident f'l-istabbilimenti Clique u Steam. Minn dawn l-identification parades z-zewg midruba, separatament, setghu jidentifikaw lill-zewg imputati.

Illi z-zewg imputati ddeponew quddiem din il-Qorti u anke rrilaxxjaw zewg stqarrijiet kull wiehed.

Illi f'l-ewwel stqarrija tieghu l-imputat Stepehn Catania jghid li huwa jahdem bhala security u jikkonferma li fil-gurnata in ezami huwa kien xoghol ma'l-istabbiliment Clique. Huwa jghid li ghall-habta ta' l-erbgha u kwart ta' fil-ghodu niezel xi hadd minn barra u qallu li kien hemm glieda barra t-triq; hu tela' jara u f'hin minnhom gie wiehed ghal fuqu u hu imbuttah u dan waqa' ma'l-art. Din il-persuna qamet mill-art u regghet giet ghal fuq Catania li ddefenda ruhu billi laqa' xi daqqiet u li ta xi daqqa' ukoll. Zied jghid li kien hemm gegwiggija u konfuzzjoni kbira. Huwa cahad li il-glieda kienet bdiet fil-Clique u jghid li ma jafx kienx hemm Taljani involuti fil-glieda. Fuq Taljani l-unika haga li jaf li kien hemm xi wiehed li rid gakketta mill-cloakroom. Fit-tieni stqarrija rilaxxjata Catania ammetta li lit-Taljani harguhom ghax skond hu kienu qed idejjqu lin-nies.

Illi meta ddepona quddiem din il-Qorti Catania jghid li ghall-habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu dahlu zewg Taljani il-Clique u deherlu li wiehed minnhom deher "*ma kienx qieghed sewwa*" pero hu hallihom jidhlu. Catania jghid li fil-kors tas-serata bdew gejjin in-nies jghiuidulhom li kien hemm xi tnejn qed idejjqu lin-nies u hu ma jara x'kien qed jigri pero ma ra xejn. Ghadda il-hin meta sejjahlu l-imputat Briffa fuq ir-radio; Briffa dak il-hin kien ghadu hdejn il-beib ta' barra ta' fuq fil-livell tat-triq. Briffa qallu li kien hemm minn qed jilmenta fuq xi nies u qallu biex imorru flimkien jaraw

x’inhu jigri. Catania mar fejn id-dance floor u sab lil Briffa qed jipprova jkellem lil dawn iz-zewg Taljani; Briffa qallu biex johorguhom u huma hekk ghamlu. Kif kienu hergin bihom kien hemm xi klienti ohra, Maltin f’l-istabbiliment li riedu jaghmlu ghat-Taljani; Catania prova jikkalma s-sitwazzjoni. Meta waslu hdejn il-cloakroom wiehed mit-Taljani ried jiehu l-gakketta u ta daqqa mal-bieba pero huma waqqfuh. Il-Maltin baqghu donnhom iridu jiehdu ragun mat-Taljani pero Catania spjegalhom li jekk jinqala’l-inkwiet huma kienu ser johorgu lilhom (il-Maltin) ukoll ghalhekk dawn ikkalmaw. Catania jkkompli jispjega li Briffa hareg lit-Taljani u hu kien miexi warajhom meta f’daqqa wahda (kienu ghadhom fit-tarag) il-Maltin grew warajhom u xi hadd fajjar daqqa. Dan kien wiehed Malti li baqa jiggieled ma’ Catania waqt li Briffa baqa’ tiela’ bit-Taljani. Catania kompla jispjega li hu prova jikkalma lill-Malti pero dan ma ridx jaf ghalhekk qabdu u skortah ’l fuq. Il-Malti pero dar ghal Catania peress li kien imbottah allura Catania tah daqqa u waqa’ mal-art; il-Malti qam u rega’ gie ghal Catania li mbottah u niezel ’l isfel lura ghall-istabbiliment Clique. Catania jaf li sadattant kienu waslu xi securities ohra minn stabbilimenti ohra. Catania qal ukoll li lit-Taljani hu ma rahomx juzaw vjolenza hlif li wiehed minnhom beda jaghti mal-bieb tal-cloakroom. Catania jghid ukoll li huwa sar jaf li gara xi haga meta mar is-Surgent jistaqsi ghall-particulars.

Illi f’l-ewwel stqarrija tieghu Bernard Briffa prevalixxa ruhu mid-dritt li ma jirrispondi l-ebda wahda mill-mistoqsijiet li sarulu. Fit-tieni stqarrija huwa irrisponda ftit mill-mistoqsijiet li sarulu. Huwa jichad li sawwat li xi hadd, jghid li kien xoghol mal-bieb meta ra tgeggwigija, nies liebsin il-kostum jghatu pero huwa ma ndahalx ghaliex kellu x’jaghmel. Hu qal ukoll li li kellu licenzja biex jahdem bhala security.

Illi meta ddepona quddiem din il-Qorti Bernard Briffa qal li ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ fil-ghodu intfiet il-muzika f’l-istabbiliment Clique u hu mar hdejn il-cloakroom tal-Clique hdejn il-cash peress li dak il-hin ikunu mitfijin qed jistennew lin-nies johorgu biex jitilqu ’l hemm huma ukoll; mal-cloakroom kien hemm certu Darren Vella. Briffa spjega li meta jkunu hergin in-nies huma johdulhom it-tazzez u l-flixken biex johorgu bil-kwiet; waqt li n-nies ikunu hergin ikun hemm min jieqaf fil-cloakroom biex jiehu l-affarijiet tieghu. Briffa kompla jispjega li f’xi hin gew xi Maltin fuqu u qalulu li kien hemm xi guvintur Taljani li kienu qed idejjqu lil kulhadd u li jekk ma kienux ser imorru huma (is-securities) ghalihom kienu ser imorru huma (il-klienti Maltin) stess. Briffa ghalhekk kellem lill-imputat Catania fuq ir-radio u qallu biex jibbekkjah; Catania kien fuq wara ta’l-istabbiliment wara d-DJ. Marru

it-tnejn hdejn id-dance floor u Briffa lit-Taljani qallhom ”*lets go*”. Waqt li kienu hergin wiehed mit-Taljani beda jghid ghall-gakketta ghalhekk Briffa gibdu lejn il-cloakroom. Hemm Darren Vella talbu ghall-biljett, it-Taljan ma setghax isibu u spicca biex qabad u dahal fil-cloakroom billi fetah il-bieba, mbotta lil Vella u baqa diehel. Meta ra hekk Briffa gibed lit-Taljan pero hallewh jiehu l-gakketta. Briffa jkompli jghid li sadattant il-Maltin kienu ghadhom hemm u baqghu qisu jriedu jiggieldu mat-Taljani, pero l-imputat Catania kien qieghed hemm ukoll ghajnejh fuq il-Maltin. Hu u Catania hargu liz-zewg Taljani ’l fuq mit-tarag ghat-triq pero fit-tarag jidher li kienet ser taqad u fil-fatt kien hemm xi glied tant li Briffa stess qala daqqa, allura lit-Taljani tellawhom it-tarag u malli wassluhom sat-triq Briffa rega’ niezel isfel. Pero Briffa jghid li qabel ma niezel ra lil wiehed mit-taljani baqa’ sejjer biha u ried ihebb ghall-Maltin. Briffa insista li dak il-hin kienu maghluqin allura ma ridx jindahal fil-kwistjoni li issa kienet barra fit-triq.

Illi Darren Vella tressaq bhala xhud. Huwa jikkonferma li f’l-erbgha intfiet il-muzika u bdew hergin in-nies. Kien hemm wiehed Taljan li gie ghall-gakketta pero ma kellux il-biljett u prova jidhol biex igieb il-gakketta tieghu. Beda jkellmu l-imputat Briffa (lit-Taljan) u dan it-Taljan u iehor mieghu marru lura gewwa jfittxu il-biljett. Dak il-hin gie wiehed Malti u lil Briffa qallu li kien hemm Taljan li kien qed idejjaqhom allura marru z-zewg imputati (skond Vella, Catania dak il-hin kien qieghed mal-bieb) u harguhom ’l barra. Ftit wara harguhom rega’ gie it-Taljan, bil-fors irid jidhol fil-cloakroom biex  jiehu il-gakketta u z-zewg imputati zammewh milli jidhol. Dan Vella jkompli jirrakkonta li mbaghad l-istorja ikkalmat. In kontro ezami Vella qal li t-Taljan qatt ma rnexxielu jidhol fil-cloakroom ghalilex hu ghalqalu l-bieba.

Ikkunisdrat

Illi mir-riassunt tal-provi prodotti jidher car li hemm kunflitt fil-provi. Mill-hafna x-xhieda prodotti l-unici persuni li qalu xi haga li tista’ tkun relevanti biex jigi stabbilit x’wassal biex indarbu Riccardo Miano u Luca Di Mauro kienu l-istess parte leza, Diego Micallef, l-impuati u Darren Vella.

Illi Riccardo Miano u Luca Di Mauro jaghtu bejn wiehed u iehor l-istess verzjonijijet u jikkorobaraw lil xulxin pero hemm xi divergenzi zghar. It-tnejn identifikaw liz-zewg imputati bhala bouncers f’l-istabbiliment Clique; it-tnejn qal li kien l-imputat Catania li talabhom johorgu ’l barra; u t-tnejn qalu li z-zewg imputati kienu fost dawk il-bonucers li aggredewhom. Pero

dwar l-involviment specifiku ta' kull wiehed mill-imputati johorgu divergenzi zghar meta tikkompara iz-zewg depozizzjonijiet mghotija minn kull wiehed minnhom.

Illi fil-verzjonijiet mghotija mill-imputati hemm hafna divergenzi, u dan mhux biss meta tikkompara dak li jghidu huma ma dak li jghidu l-parte leza imma anke meta tikkompara l-verzjoni ta' wiehed ma' ta' l-iehor, meta tikkompara dak li qalu f'l-istqarrija ma' dak li qalu waqt id-depozizzjoni taghhom u meta tikkompara l-verzjonijiet taghom ma' dak li qalu z-zewg xhieda l-ohra, cioe Diego Micallef u Darren Vella.

Illi l-imputati donnhom qed jallegaw li l-parte leza kienu ilhom idejjqu lill-klienti l-ohra tant li kien hemm diversi ilmenti dwarhom. Dan wassal biex iz-zewg imputati kellhom johorguhom 'l barra; pero l-barman Diego Micallef ma nnota xejn, lanqas lill-imputati jeskortaw lill-parte leza 'l barra. Dwar dak li nqala hdejn il-cloakroom Darren Vella jaghti stampa differenti hafna minn dik li taw iz-zewg imputati ghaliex mir-rakkont tieghu ma jirrizultax incident (ghal dak li jirrigwarda t-tehied tal-gakketta) gravi daqs kemm pingih l-imputat Briffa. Aktar minn huwa jaghti stampa differenti anke dwar id-dinamika ta' dan l-istadju ta'l-incident (dejjem ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tehied tal-gigett sakemm hargu mill-bieb t'isfel).

Illi l-imputati innifshom jaghtu verzjonijiet kunfliggeti mhux biss dwar l-involviment ta' kull wiehed, fejn kienu qeghdin fid-diversi stadji tar-rakkont taghhom, u l-involviment ta' kull wiehed minnhom. Jinqalghu dubbji dwar x'kienet il-htiega li l-parte leza jigu skortati 'l barra jekk dak il-hin l-istabbiliment kien tefa' l-muuzika u l-klienti kollha kienu hergin; jinqala' dubbju ukoll dwar ghalfejn l-imputati hassew il-bzonn li jinvolvu ruhhom fid-disgwid bejn it-Taljani u l-Maltin jekk f'partijiet ohra tad-depozizzjoni taghhom huma kienu tant insistenti li huma ma jinterressahomx x'jigri barra fit-triq ghaliex hemm ir-responsabbilita hija esklussivament tal-pulizja.

Illi minkejja dawn id-divergenzi l-Qorti ma jista' jkollha l-ebda dubbju li aggressjoni kien hemm u li f'din l-aggressjoni Riccardo Miano u Luca Di Mauro soffrew diversi griehi. Il-Qorti lanqas m'ghandha l-ebda dubbju li din l-aggressjoni bdiet meta l-parte leza kienu qed jigu skortati 'l barra mill-istabbiliment Clique miz-zewg imputati.

Illi dwar l-involviment taz-zewg imputati ghandu jigi rilevat li Miano u Di Mauro kienu konsistenti f'l-allegazzjoni li z-zewg imputati kienu involuti

f'l-aggressjoni minnhom subieta; dak li ma kienux ghal kollox konsistenti fih kien l-involviment specifiku ta' kull wiehed mill-imputati, cioe liema imputat ta liema daqqa[6].

Illi l-imputati qed jinnegaw kwalunkwe involviment f'l-aggessjoni li soffrew l-parte leza, imma jinsistu li kull m'ghamlu kien li skortawhom barra mill-istabbiliment Clique. Il-Qorti pero hija konvinta mill-oppost u cioe li huma kienu involuti direttament, flimkien ma' persuni ohra, f'l-aggressjoni li ssubew l-parte leza. L-unika haga li ma gietx stabbilieta hija liema daqqa (hlif l-ewwel wahda li ta' Catania lil Miano) inghatat minn min.

Ikkunisdrat

Illi ghandu jigi rilevat li originarjament l-ewwel imputazzjoni addebietata lill-imputati permezz tac-citazzjoni kienet dik ta' attentat ta' omicidju, pero fin-nota ta' rinviju ghal gudizzzju ta' l-Avukat Generali din giet ridimensjonata ghal attentat ta' ferita gravissima.

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputati kienu partecipi f'l-aggressjoni li soffrew Riccardo Miano u Luca Di Mauro; jirrizulta ukoll li bbhala rizultat ta' din l-agressjoni Miano u Di Mauro soffrew diversi griehi inkluz lacerazzjonijiet u (fir-rigward ta' Miano) anke frattura.

Illi d-dispozizzjonijet relevanti (fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) dwar klassifikazzjoni ta'l-offizi fuq il-persuna fil-kamp penali huma s-segwenti:

> *216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*
> *(a) jekk tista' ġġib periklu*
> *(i) tal-ħajja; jew*
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
> *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
> *(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
> *(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

[6] Ghandu jigi rilevat li Riccardo Miano f'kull istanzajghid li kien l-imputat Stephen Catania li tah l-ewwel daqqa.

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
......
*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*
.......
*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa'xhur sa disa' snin -*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi l-artikolu 216 fuq kwotat jirreferi ghall-offiza hekk imsejha "gravi" u l-artikolu 218 ghall-offiza "gravissima".

Illi gie stabbiliet li Miano u Di Mauro soffrew diversi lacerazzjonijiet fuq wicchom imma anke (fil-kaz ta' Miano) frattura ta' ghadma minbarra lacerazzjonijiet ohra, abbrazzjonijiet, bdengiel u ksur ta' snin.

Illi pero l-imputati mhux qed jigu addebietati biss b'offiza gravi fit-termini ta'l-artikolu 216 imma anke b'attentat ta' offiza gravissima fit-termini ta'l-artikolu 218.

Illi biex jissusti r-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li

*Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid*

*wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu.*[7]

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem il-Professur Mamo:

> *The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible*[8].

Illi pero l-Professur Mamo jkompli hekk:

> *Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[9].

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Repubblika vs Domenic Briffa[10]:

> *Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*
>
> *"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente*

---

[7] Ref Pulizija vs Emanuel Zammit Appell Kriminali deciz 30.03.1998.
[8] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 226.
[9] Ref op cit pagna 227.
[10] Deciza fis-16.10.2003.

*nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, **purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz**[11]. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb*

[11] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl- ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit- tieni lok.*

Illi permezz ta'l-ewwel paragrafu tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputati qed jigi addebietati b'tentattiv ta'offiza gravissima kif deskritta fis-subartikoli 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe offiza li *tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh* u li *ġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.*

Illi mill-provi processwali l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li b'l-agir taghhom l-imputati urew intenzjoni cara li jaghmlu hsara lil Miano u Di Mauro. Pero, u tenut kont ta' dak li tipprovdi d-dottrina u l-gurisprudenza dwar r-reat in ezami, dak li jrid jigi pruvat fil-kaz in ezami huwa li l-imputati kellhom l-intenzjoni specifika li jikkawzaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti ta'l-ghamla tal-gisem fuq il-persuna ta' Luca Di Mauro u Riccardo Miano u li jikkawzaw sfregju gravi u permanenti f'wicc, ghonq jew idejn l-istess Luca Di Mauro u Riccardo Miano.

Illi pero fil-fehma tal-Qorti dan ma giex pruvat. Fil-waqt li b'l-agir taghhom l-imputati urew bic-car li huma riedu jikkawzaw hsara lil Miano u Di Mauro mill-provi prodotti ma jirrizultax li huma xtaqu jikkawzaw specifikatament dik il-hsara indikata f'l-artikoli hawn fuq kwotati. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li kkawzaw griehi ta' natura gravi fit-termini ta'l-artikolu 216(1)(a)(b)(d) tal-Kapitolu 9 cioe offiza li *tista' ġġib periklu tal-ħajja; jew ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella ta' marda permanenti tal-moħħ;jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;* u *jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu.*

Illi kif diga ntqal l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputati kienu attivament involuti f'l-aggessjoni subieta mill-parte leza u li huma (l-imputati) taw daqqiet lill-parte leza.

Illi diga ntqal ukoll iz-zewg imputati soffrew lacerazzjonijiet f'wicchom li kkawzaw sfregju; dawn certament jinkwadraw f'dak predispost fis-subparagrafu (b) ta'l-artikolu 216(1) imsemmi. Min-naha l-ohra mid-depozizzjoni tad-diversi tobba li tressqu bhala xhieda ma jirrizultax li Miano u Di Mauro qatt kienu fil-perikolu tal-mewt u lanqas ma jirrizulta li minhabba l-griehi li soffrew qatt kien hemm il-possibilita ta' xi debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti minn gisimhom jew ta' xi difett permanenti. Aktar minn hekk ma tressqet l-ebda prova li l-offizi li soffrew gabiethielhom xi marda li ddum aktar minn tlettin gurnata biex tfiq[12].

Illi ghalhekk l-griehi li soffrew Miano u Di Mauro jaqghu taht definizzjoni ta'l-artrikolu 216(1)(b) ghal dak li jirrigwarda l-lacerazzjonijiet fuq wicchom u l-artikolu 221 ghal dak li jirrigwarda l-griehi l-ohra.

Illi mill-provi prodotti pero ma jirrizultax minn ikkawza l-griehi fuq il-persuna ta' Miano u Di Mauro fis-sens li ghalkemm jirrizulta li l-imputati, flimmkien ma persuni ohra, kienu involuti attivament f'l-aggressjoni subieta mill-parte leza pero ma jistax jigi stabbilit bhala rizultat ta'liema agir (da parti ta' kull wiehed mill-imputati) gew ikkawzati l-griehi fuq deskritti.

Illi f'dan ir-rigward huwa stabbilit f'l-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li meta fi glieda accidentali xi hadd isoffri griehi u ma jkunx jista' jigi stabbilit minn kien l-awtur ta'l-offiza, kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz ghandu jirrispondi kif predispost f'dik l-imsemmija dispozizzjoni tal-Ligi. L-artikolu 237 mbaghad jistabilixxi piena differenti f'kaz ta' htija a bazi tan-natura gravissima, gravi jew hafifa ta'l-offiza.

Illi ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrzulta sodisfacjentement pruvata b'dawn il-limitazzjonijiet.

Ikkunisdrat

[12] Jirrizulta li Miano kellu xi frattura f'ghadma ta' mniehru pero m'hemm xejn fil-process li jindika li din il-frattura ddum aktar minn tlettin gurnata biex tfiq.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputati qed jigu abbedietati bil-ksur tal-paci u l-ordni pubbliku.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel u -tieni imputazzjoni, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li din l-imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputati qed jigu addebietati bir-reat prospettat f'l-artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li hadmu bhala gwardjan privat minghajr licenzja.

Illi jirrizulta ampjament li kemm Bernard Briffa kif ukoll Stephen Catania kienu qed jaghmlu xoghol bhala gwardjan privat (*security*). Dan jirrizulta mhux biss ghaliex huma jiddefenixxu xogholhom bhala dak ta' security imma anke ghaliex dak li huma kienu qed jaghmlu fil-gurnata ta'l-incident huwa fil-fatt xoghol ta' gwardjan privat. Huwa veru li minn jimpjegahom, Ronnie Axisa, jghid li jimpjegahom bhala "*customer care*" pero ai fini ta' l-imputazzjoni issa in ezami relevanti huwa x-xoghol li effettivament kienu jaghmu l-imputati u mhux x'titolu kienu jaghtuh lil dan ix-xoghol.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni inkluz in-natura tar-reati li taghom qed jinstabu hatja u l-fedina paneli ta' kull wiehed mill-imputati.

Illi inoltre hadet in konsiderazzjoni l-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li f'kaz ta' griehi ta' natura gravi fit-termini ta'l-artikolu 216 l-piena ghandha tkun ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputati hatja ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tilliberaha minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom u tikkundannahom xahrejn prigunerija ghat-tieni u ghat-tielet imputazzjoni u multa ta' elf Euro (€1,000) ghar-raba imputazzjoni. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil kull wiehed mill-imputati

biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' €147.45 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**